MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 53/2024 LM

**Anu Thapa (K.I. nru. 239832A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Identità**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Anu Thapa (K.I. nru. 239832A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fit-12 ta' Ġunju, 2024, wara proċeduri li r-rikorrenti stess istitwiet kontra l-aġenzija **Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata']. Il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda illi:

*"Therefore, after having read the relative submissions and due to the above reason, the Board rejects this appeal.*

*The Board orders notification of this decision to the Principal Immigration Officer."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti hija persuna ta' nazzjonalità Nepaliża, u fis-16 ta' Mejju, 2023 ġiet infurmata mill-intimata li l-applikazzjoni li hija għamlet taħt il-proċedura ta' *Single Permit, ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, kienet qiegħda tiġi rifjutata. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li d-deċiżjoni ta' rifjut ittieħdet wara li rriżulta li hija ma kinitx qiegħda f'Malta legalment, u għalhekk kienet meqjusa bħala immigranta ipprojbita *ai termini* tas-sub-inċiż 5(2)(e) tal-Kap. 217. Permezz tal-istess ittra, ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li hija għandha jedd tappella minn din id-deċiżjoni fi żmien tliet ijiem.

3. Ir-rikorrenti ppreżentat l-appell tagħha quddiem il-Bord fl-1 ta' Ġunju, 2023, fejn spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex id-deċiżjoni tal-intimata hija nulla; ġiet deċiża b'mod prematur; hija irregolari; ittieħdet filwaqt li hija bħala applikanta ġiet eskluża mill-proċess; l-applikanta ma ngħatat l-ebda raġuni għad-deċiżjoni li ttieħdet, u għalhekk ma kien hemm l-ebda konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali; u hija lanqas ma ngħatat l-opportunità li tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha jew li tiddefendi ruħha kontra l-allegazzjonijiet li saru.

4. L-intimata wieġbet li hija ħarġet l-ittra ta' rifjut għall-applikazzjoni tar-rikorrenti fis-16 ta' Mejju, 2023, *ai termini* tal-artikolu 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Żiedet tgħid li hija kienet ħarġet permess uniku lir-rikorrenti

abbażi tal-impjieg tagħha mal-kumpannija G3 Hospitality Limited fis-27 ta' Ottubru, 2022, liema permess kien validu sas-27 ta' Ottubru, 2023. L-intimata spjegat li l-impjieg tar-rikorrenti mal-imsemmija kumpannija ġie tterminat fis-7 ta' Diċembru, 2022, u għalhekk ma kien għad fadal l-ebda skop għall-permess uniku li kien inħarġilha. Spjegat li r-rikorrenti daħħlet applikazzjoni minħabba bidla fl-impjieg fil-21 ta' Frar, 2023 taħt il-proċedura tal-permess uniku, u għalhekk aktar minn xahrejn wara li l-impjieg tagħha kien ġie tterminat. L-intimata spjegat li minkejja t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, hija tikkonċedi perijodu ta' għaxart ijiem lill-individwu li jsib ruħhu fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti sabiex isib impjieg alternattiv, billi jissottometti applikazzjoni ġdida. Qalet li r-rikorrenti naqset milli tagħmel dan, u għalhekk irriżulta li s-soġġorn tagħha f'Malta ma baqax meqjus bħala wieħed legali. L-intimata spjegat li skont l-artikolu 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, applikazzjoni tista' tiġi rifjutata wara li jinstab li persuna ma tkunx qiegħda f'Malta legalment, u ladarba jiġi stabbilit li ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed f'Malta illegalment, il-kwistjoni ma tibqax taqa' taħt il-kompetenza tal-intimata, iżda r-regolarizzazzjoni ta' dak is-soġġorn trid issir mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. L-intimata saħqet li hija tagħti attenzjoni xierqa lil kull applikazzjoni li jkollha quddiemha, u l-ittra ta' rifjut tinħareġ biss meta l-applikazzjoni ppreżentata ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi u fil-*policies* rilevanti.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' April, 2024, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**1.** **Preliminary***

*The Board:*

*Noted that in virtue of a decision issued on 16th May 2023, Identità stated that appellant's single permit has been refused since it transpired that the appellant's immigration position at the time of submissions was illegal and hence the appellant was deemed to be a prohibited immigrant in terms of the Law;*

*Noted the application form and letter of appeal, through legal counsel, dated 1st June 2023;*

*Noted the appeal registered on 2nd June 2023; and*

*Noted Identità did not file a reply.*

*2. **Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which the Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant's file:*

- *Identità's refusal letter;*
- *The application form and letter of appeal, through legal counsel;*
- *The Board's registered receipt of the appeal;*

- *An email;*
- *The appellant's passport details;*
- *Residence permit receipt.*

*The Board declares this appeal as **fuori termine** since it has been filed beyond the time period established by law during which one may appeal against the said decision. Therefore, the Board will not go into the merits of this case, but refers to the following Court Judgment:*

***Carla Maria Parodi Iribarren vs The Directorate of Citizenship and Expatriates Affairs**, delivered by Judge Lawrence Mintoff on 26th November 2021. The Court of Appeal held that:*

"Is-subartikolu in kwistjoni jagħmilha ċara illi t-terminu ta' appell ta' tlett ijiem għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni stess."

*The same was reaffirmed in the judgment **Dhakal Prakash vs The Director of Citizenship and Expatriates Affairs**, delivered by Judge Lawrence Mintoff on 16th May 2022.*

*Sub-Article 25 A (7 of Chapter 217) holds that:*

"Any appeal has to be filed in the Registry of the Board within three working days from the Decision, subject to appeal".

## <u>L-Appell</u>

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrenti fl-20 ta' Ġunju, 2024, hija talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-12 ta' Ġunju, 2024, u tibgħat l-atti lura lill-Bord, sabiex wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni; jew fin-nuqqas, wara li tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi dwar il-mertu, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tordna lill-intimata sabiex toħroġ il-permess ta' residenza mitlub favur tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata.

7. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord. Spjegat kif hija applikat għal permess uniku mal-appellata, li dak iż-żmien kien jisimha Identity Malta Agency, u dik l-applikazzjoni kienet ġiet miċħuda b'ittra li kienet datata s-16 ta' Mejju, 2023. Kompliet tgħid li s-16 ta' Mejju, 2023, mhijiex id-data meta dik id-deċiżjoni ġiet komunikata lilha, għaliex hija saret taf biss bid-deċiżjoni fit-30 ta' Mejju, 2023, hekk kif jirriżulta mill-*envelope* li bih twasslet l-ittra bit-timbru fuqu tas-servizzi postali. L-appellanta qalet li huwa skorrett il-Bord jgħid li l-appell tagħha kien *fuori termine,* għaliex id-data li minnha għandu jibda jiddekorri t-terminu ta' tliet ijiem lavorattivi ma tistax tkun dik tas-16 ta' Mejju, 2023, imma dik tat-30 ta' Mejju, 2023. L-appellanta saħqet li għalhekk kellu jirriżulta li l-appell tagħha kellu jiġi intavolat sat-2 ta' Ġunju, 2023, u għalhekk l-appell intavolat minnha daħal entro t-terminu stabbilit bil-liġi. L-appellanta qalet li dan jikkostitwixxi leżjoni serja tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u tad-drittijiet li jassiguraw smigħ xieraq, u għalhekk l-appell tagħha għandu jiġi milqugħ.

8. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni appellata ġiet notifikata lilha fit-12 ta' Ġunju, 2024, u għalhekk hija għal kollox skorretta d-data indikata fuq id-deċiżjoni mogħtija lilha, dik tat-3 t'April, 2024. L-appellanta qalet li fil-proċeduri quddiem il-Bord ma jsirx smigħ bil-miftuħ, u b'hekk parti li tkun appellat quddiem il-Bord ma tistax tkun taf li għandha tattendi sabiex tiġbor is-sentenza jekk ma tirċevix komunikat f'dan is-sens. L-appellanta qalet li hija rċeviet ittra fit-28 ta' Mejju, 2024, li permezz tagħha ġiet infurmata li kellha tiġbor id-deċiżjoni fit-12 ta' Ġunju, 2024, u kien biss wara li hija ġiet notifikata bl-ittra li hija setgħet tiġbor id-deċiżjoni. L-appellanta qalet li hija qiegħda tispjega dan

kollu sabiex ma jqumx l-argument li anki dan l-appell huwa tardiv, u t-terminu għall-preżentata tal-appell odjern jista' jiskatta biss minn dakinhar li d-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lill-applikant.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. L-appellata wieġbet li qabel xejn hija qiegħda taqbel mal-appellanta li d-data tad-deċiżjoni tal-Bord hija t-12 ta' Ġunju, 2024, u b'hekk l-appellanta għandha raġun tgħid li dan l-appell tagħha mhuwiex *fuori termine.* L-appellata qalet li dan premess, l-appell magħmul mill-appellanta għandu jitqies li huwa null *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġjiet ta' Malta, għaliex appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, u l-appellanta mhijiex persuna msemmija fit-Taqsima III ladarba hija mhijiex ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma tinsab leġittimament fit-territorju ta' xi Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera.

10. B'żieda ma' dan, l-appellata qalet li d-deċiżjoni tal-Bord hija korretta u għandha tiġi kkonfermata, u dan għaliex id-deċiżjoni tagħha ma ntbagħtitx biss permezz ta' ittra iżda wkoll permezz ta' *email.* Qalet ukoll li l-liġi tistipula li dak li għandu jittieħed in konsiderazzjoni hija d-data tad-deċiżjoni għall-fini tal-appell, u d-data tad-deċiżjoni f'dan il-każ hija s-16 ta' Mejju, 2023, sabiex b'hekk ma jistax jingħad li l-Bord f'dan il-każ għamel żball fl-interpretazzjoni tad-data. L-appellata qalet li r-regolament 15 tal-L.S. 217.17 jipprovdi li d-deċiżjoni għandha tkun notifikata bil-miktub, u applikant ma jistax jagħżel hu liema hija d-data li ser jieħu in konsiderazzjoni, u joqgħod jistenna l-ittra postali, ladarba

d-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lilu fl-indirizz elettroniku pprovdut lilu fil-formula tal-applikazzjoni tiegħu. L-appellata qalet ukoll li t-termini stipulati fil-liġi huma perentorji u ta' ordni pubbliku, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn dawn għandhom jiġu estiżi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellata. B'riferiment għall-eċċezzjoni mressqa mill-appellata, li r-rikors tal-appell tal-appellanta għandu jitqies li huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellanta ma tinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, u li għad irid ikun hemm eżitu finali għall-appell odjern tagħha sabiex din il-kwstjoni tiġi determinata darba għal dejjem. Għaldaqstant il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellanta li tressaq dan l-appell tagħha.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju jew sottomissjoni tal-appellanta li l-appell odjern m'għandux jitqies li huwa *fuori termine,* hemm qbil bejn il-partijiet li dan l-appell sar entro t-terminu stipulat fil-liġi għall-preżentata ta' appelli mid-deċiżjoni tal-Bord, u għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta.

*L-Aggravju:* *[Il-Bord kien żbaljat meta ddeċieda li r-rikors tal-appell tal-appellanta sar* fuori termine*]*

13. L-appellanta tgħid li l-Bord kien żbaljat meta ddeċieda li l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-appellata kien *fuori termine,* u dan għaliex it-terminu ta' tliet ijiem biex isir l-appell tagħha, kellu jibda jiddekorri minn dakinhar li hija ġiet notifikata bid-deċiżjoni ta' rifjut tal-appellata, u għalhekk ladarba hija ġiet notifikata permezz tas-servizz postali bid-deċiżjoni fit-30 ta' Mejju, 2023, ma jistax jingħad li l-appell tagħha kien tardiv.

14. Il-Qorti tibda billi tirrileva li f'dan il-każ jirriżulta li l-appellanta intalbet tindika l-indirizz tal-posta elettronika tagħha fuq l-applikazzjoni mressqa minnha, u għalhekk hija kienet taf, jew messha kienet taf li ser ikun hemm komunikazzjoni magħha bil-posta elettronika. Il-Qorti tirrileva li l-linja ta' argumentazzjoni adottata mill-appellanta diġà tqajmet drabi oħra f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet li notifika permezz tal-posta elettronika għandha titqies li saret b'mod validu. Il-Qorti tirrileva li s-sub-artiklu 5(3) tad-Direttiva 2011/98/UE jgħid illi:

> "L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-applikant bil-miktub f'konformità mal-proċeduri ta' notifika mniżżla fil-liġi nazzjonali rilevanti."

15. L-artikolu 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 imbagħad jgħid illi:

> "Id-direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub."

16. Il-Qorti, filwaqt li tifhem id-dimensjoni umana ta' każ bħal dan, tirrileva li mhux aċċettabbli li persuna li tkun qiegħda tistenna risposta mingħand l-awtorità pubblika, u li tkun taf bil-possibilità li d-deċiżjoni li qiegħda tistenna tintbagħat lilha permezz tal-posta elettronika, tonqos milli tagħmel il-verifiki kollha tagħha, anki kull tant ħin matul il-ġurnata, sabiex tara jekk din ir-risposta waslitx għandha jew le. L-appellanta setgħet tagħmel il-verifiki tagħha wkoll permezz ta' telefonata sabiex tara jekk id-deċiżjoni fil-konfront tagħha ingħatatx jew le. Minflok l-appellanta tgħid li qagħdet tistenna li d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha tinbagħat lilha bis-servizz postali. Fil-każ preżenti jirriżulta li l-*email* bid-deċiżjoni li tikkonċerna lill-appellanta intbagħtet dakinhar stess fis-16 ta' Mejju, 2023, u għalhekk kien korrett il-Bord meta ddeċieda li appell li ġie intavolat fit-2 ta' Ġunju, 2023, kien tardiv.

17. Il-Qorti tqis li mhijiex aċċettabbli s-sottomissjoni tal-appellanta li d-data tal-appell għandha tintrabat mad-data meta d-deċiżjoni tal-appellata tiġi notifikata lill-appellanta permezz tas-servizz postali, ladarba kienet l-appellanta stess li pprovdiet l-*email address* tagħha lill-appellata, u għalhekk kienet mgħarrfa li korrispondenza uffiċjali magħha setgħet tintbagħat lilha bil-mezz elettroniku. Il-leġislatur stabbilixxa terminu perentorju għal meta għandhom jiġu ippreżentati appelli minn deċiżjonijiet tal-appellata, u dawn it-termini għandhom jiġu rispettati.

18. L-artikolu 25 A (7) tal-Kap. 217 jipprovdi illi:

> "Kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għal appell."

19. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellanta li t-tliet ijiem għall-preżentata tal-appell, għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni bis-servizz postali, ma ssib l-ebda konfort f'dak li tgħid il-liġi, u dan għaliex it-tliet ijiem tax-xogħol huma preżunti li jiddekorru mid-data tad-deċiżjoni. Għalhekk, b'dan it-test tal-liġi, il-leġislatur kien qiegħed jirresponsabbilizza lill-applikant sabiex isegwi l-proċess li permezz tiegħu ser tingħata d-deċiżjoni, u jassigura li jkun infurmat fil-ħin bid-deċiżjoni tal-appellata, sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa, isir appell minn dik id-deċiżjoni. Fil-każ preżenti ma ġarax hekk, u huwa għalhekk li l-Bord qies li l-appell tal-appellanta ġie ippreżentat tardivament.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**